MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 729/1993/1

**Vittoria armla ta' Giovanni Sciberras, Josephine armla ta' Andrew Zammit, Carmel Sciberras, Nazzareno
Sciberras, Anthony Sciberras, Catherine mart Kristino Gauci u l-istess Kristino Gauci bhala kap tal-komunjoni
tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, Helen mart Carmel Bonanno u l-istess Carmel Bonanno bhala kap tal-kommunjoni ta' l-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, Maryanne mart Vincent Camilleri u l-istess Vincent Camilleri bhala kap tal-kommunjoni ta' l-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, Emanuel Sciberras, Raymond Sciberras, Victor Sciberras**

**f’ismu u bhala prokuratur jew mandatarju ta’ l-assenti Salvatore Sciberras, Louis Sciberras u John Sciberras; u b’digriet tal-5 ta’ Awissu, 1999, stante l-mewt ta’ Vittoria**
**Sciberras il-kawza tkompliet f’isem John Sciberras, Guza**
**Zammit, Charles Sciberras, Saviour sive Sam Sciberras,**
**Nazzareno Sciberras, Anthony Sciberras, Catherine Gauci,**
**Helen Bonanno, Mary Anne Camilleri, Emanuel Sciberras,**
**Louis Sciberras, Raymond Sciberras u Victor Sciberras.**

**vs**

**Sister Adelaide Gauci bhala prokuratrici jew mandatarja**
**tal-assenti Emanuel sive Emmanuele Gauci, Marianna mart**
**Giovanni Maria Mifsud u l-istess Giovanni Maria Mifsud**
**bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-**
**beni parafernali ta’ martu**

**Il-Qorti:**

Dan huwa provediment dwar talba maghmula mill-appellati ghall-isfilz ta’ xi dokumenti li gew ezebiti mill-appellanti mar-rikors ta’ l-appell.

Fir-risposta taghhom ghall-appell tal-atturi l-konvenuti appellati qalu testwalment hekk: “*Illi kontestwalment mar-rikors ta’ l-appell taghhom, l-istess appellanti pprezentaw xi dokumenti li permezz taghhom huma, minkejja li ma kienux awtorizzati li jaghmlu dan minn dina l-Onorabbli*

*Qorti, qeghdin jittentaw iressqu provi godda quddiem dina l-Onorabbli Qorti.*
*"Illi jigi bir-rispett sottomess illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tordna l-isfilz ta' dawn id-dokumenti, stante li l-prezentata taghhom fl-atti ta' dina l-kawza, qatt ma giet mitluba mill-istess appellanti, u konsegwentement milqugha minn dina l-Onorabbli Qorti.*
"*Illi oltre dan, jigi ukoll osservat illi l-iskop ta' l-appellanti huwa wiehed car li jizvijaw lil dina l-Onorabbli Qorti billi jipprezentaw dokumenti, li huma kellhom il-possibilita` kollha li jipprezentaw quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, b'fatti li ma humiex rilevanti ghall-kaz in kwistjoni. Jigi bir-rispett kollu osservat illi l-istess appellanti diga mxew b'din il-procedura quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti meta fl-istadju meta il-provi kienu inghalqu, u l-kawza thalliet ghall-prezentata tan-noti ta' sottomissjonijiet u ghad-decizjoni, flimkien man-nota ta' osservazzjonijiet taghhom, l-atturi appellanti pprezentaw affidavits bix-xhieda ta' uhud minnhom.*"
Semghet lid-difensuri tal-kontendenti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-6 ta' Mejju, 2003 meta l-appell gie differit ghall-provvediment opportun.

**Ikkunsidrat:**

Il-kwistjoni dwar produzzjoni ta' dokumenti godda fl-istadju tal-appell hija regolata bl-artikoli 145 u 150 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

L-Artikolu 145 jipprovdi li "*Mar-rikors, mat-twegiba u mar-replika, ghandhom jingiebu d-dokumenti li jkunu jsahhu t-talbiet tal-wiehed jew l-eccezzjonijiet ta' l-iehor.*" Dan l-Artikolu donnu jaghti liberta assoluta lill-partijiet li, fi stadju tal-appell, jipprezentaw kwalunkwe dokument purche` li dan jkun marbut ma' u jkollu rilevanza ghat-talbiet jew l-eccezzjonijiet. Jidher li b'dan l-Artikolu d-diskrezzjoni tal-Qorti li tirregola l-provi hija mwarba u sahansitra r-regola enuncjata fis-subinciz (2) ta' l-Artikolu 206 li jghid li "*Wara l-eghluq tas-smigh tal-kawza, ma jistghux jingiebu provi ohra, hlief ghal raguni tajba u bil-permess tal-qorti.*" hija reza bla ebda effett.

L-awtorita` koncessa lill-partijiet bl-artikolu fuq imsemmi tikkuntrasta b'mod lampanti ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 150 tal-Kap 12 fejn il-ligi titkellem dwar kif u meta jistghu jigu pprezentati dokumenti, dejjem fl-istadju tal-appell, meta dawn ma jkunux ingiebu l-quddiem kif jipprovdi l-Artikolu 145 fuq citat. Infatti l-Artikolu 150 jipprovdi regoli stretti li jridu jkunu sodisfatti qabel tali dokument ikun jista` jigi pprezentat. Naraw, per ezempju, li l-esibizzjoni ta' tali dokument huwa permess meta, ghad li wiehed ikun ghamel hiltu, ma setghax ikollu d-dokument qabel il-prezentata ta' l-att li mieghu kien imissu jingieb; jew meta l-qorti tkun sodisfatta mill-htiega jew mill-utilita` li jkollha d-dokument quddiemha; jew meta l-parti kuntrarja taghti l-kunsens taghha; jew meta tingieb prova guramentata li l-parti li trid tesebixxi dak id-dokument ma kinitx taf bih qabel u kazi simili.

Fil-kaz in ezami d-dokumenti li qed issir oggezzjoni ghalihom mill-appellati gew ipprezentati mar-rikors tal-appell kif jipprovdi l-Artikolu 145 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk ma japplikawx ic-cirkostanzi imsemmija fl-Artikolu 150 u l-Qorti trid tara biss jekk dawn id-dokumenti issahhux it-talba ta' wiehed jew l-eccezzjoni ta' l-iehor.

Id-dokumenti in kwistjoni indikati bhala Dokument GCD1 sa GCD5 a fol 149 sa 156 tal-process jikkoncernaw ir-raba' Tenement Numru 53212 maghruf bhala Taht ix-Xaghra ta' Wied Musa' limiti tal-Mellieha li, skond ittra tal-Kummissarju tal-Art tat-23 ta' Ottubru, 1999 gie mqabbel lill-konjugi Victor Sciberras, wiehed mill-atturi u martu Christina Maria Sciberras b'effett mill-1 ta' Jannar, 1975. Id-dokumenti sussegwenti jkkonfermaw dan l-istat ta' fatt u huma wkoll evidenza tal-hlas tal-qbiela rispettiva.

L-art hekk koncessa mid-Dipartiment tal-Art lill-konjugi Sciberras tifforma parti mill-art mertu ta' din il-kawza. Izda ma jidhirx li hemm rilevanza ta' dawn id-dokumenti mat-talbiet attrici billi bic-citazzjoni odjerna l-atturi mhux qed jitolbu dikjarazzjoni li huma ghandhom xi dritt li jigu rikonoxxuti bhala inkwilini tar-raba' meritu tal-kawza izda t-

talba hija indirizzata lejn l-otteniment ta' dikjarazzjoni li kuntratt li gie ppubblikat fit-23 ta' Frar 1972 minn Nutar Dottor Salvatore sive Sammy Abela bejn Giuseppa gja armla ta' Giovanni Gauci u uliedha Emmanuele Gauci, Marianna mart Gio Maria Mifsud u Vittoria mart Giovanni Sciberras kien null u invalidu ghall-finijiet kollha tal-ligi peress li l-kuntratt jittratta fuq ftehim dwar qbiela jew qsim ta' qbiela, meta din kienet inezistenti.

Id-dokumenti ezebiti mill-appellanti jitkellmu dwar relazzjoni diretta li nholqot, bhala rizultat ta' decizjoni tad-Dipartiment tal-Art, bejn l-istess dipartiment u l-konjugi Sciberras fuq imsemmija u bl-ebda mod dawn id-dokumenti jew r-relazzjoni hekk mahluqa ma tista` tincidi fuq il-meritu tal-kaz in ezami.
Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-qorti tordna l-isfilz tad-dokumenti GCD1 sa GCD5 (fol 149 sa 156 tal-process). L-ispejjez ta' dan l-incident ikunu a kariku tal-atturi appellanti.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------